Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

BirdLife Malta

Vs.

Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, Ministru għal Għawdex, Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Slavaġ (Wild Birds Regulation Unit).

Protest tal-imsemmi BirdLife Malta.

Tesponi bir-rispett:

Illi dan l-aħħar ġie mħabbar li l-istaġun tar-rebbiegħa għall-kaċċa se jkun miftuħ bejn l-10 u t-30 ta' April 2021. Illi dan huwa vjolazzjoni tad-Direttiva tal-UE.

Illi skont l-ewwel proviso tal-Annex 1 tad-Direttiva l-istaġun jista' jinfetaħ biss jekk l-intimat huwa pprovdut bid-data rilevanti dwar in-numru ta' Summien (quail) u Gamiem (turtle-dove) maqtula fl-istaġun ta' qabel. Illi fis-sena 2020 d-WBRU ġabret informazzjoni minn 292 kaċċatur li jfisser biss informazzjoni minn 2.7% tal-kaċċaturi kollha. Dan meta hemm 10,675 liċenzja għall-kaċċa. Għalhekk la ma għandhomx l-informazzjoni l-intimati ma jistgħux jagħtu permess li jinfetaħ l-istaġun. Il-Ministru għandu obbligu legali li jieħu in konsiderazzjoni n-numru attwali u eżatt tal-għasafar maqtula u mingħajr din l-informazzjoni ma jistax jieħu deċiżjoni skont il-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jġibu dan kollu a konjizzjoni tal-intimat, jinterpellaw lill-intimati biex jieħdu l-passi neċessarji sabiex ma jinfetaħx l-istaġun tal-kaċċa qabel l-intimati jkollhom l-informazzjoni u statistika vera u neċessarja skont il-liġi u minn issa jpoġġu lill-intimati in dola colpa u mora għall-finijiet kollha tal-liġi.

Bl-ispejjez.

Av. Philip Manduca
Level 1, Britannia House, 9 Old Bakery Street, Valletta VLT1450

Notifika :
Ministru għall-Ambjent
Ministru għal Għawdex
Wild Birds Regulation Unit, Quarry Street, Santa Venera.